**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 463/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Pace**

Illum, 29 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Clint Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77987M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Awwissu 2020 sa Ottubru 2020, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Afton Charlene Borda u/jew lil uliedu s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għal ulied fi żmien 15-il jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8, 18, 31(g) u 338(z) tal-

Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat Clint Pace ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal xahrejn priġunerija effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellant Clint Pace, ippreżentat fid-09 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena imposta għal piena aktar ekwa u ġusta.

Semgħet lil parti offiża tiddikjara fis-seduta tal-24 ta' Frar 2023 illi hija tħallset il-manteniment dovut marbut mal-imputazzjoni iżda dan sar tardivament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-appell jitratta unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant ta' xahrejn priġunerija u dan meta kien misjub ħati li naqas milli jissomministra lil parti offiża l-manteniment lilha dovut ta' €440 fix-xahar skont kuntratt iffirmat bejniethom għaż-żewġ ulied minuri tagħhom. L-appellant jilmenta illi kien hemm ċirkostanzi partikolari fil-ħajja lavorattiva tiegħu li wassluh sabiex jiddekadi mill-obbligi minnu assunti. Igħid illi beda jaqa' lura fil-ħlas tal-manteniment meta x-xogħol tiegħu fin-negozju tal-*catering* kien milqut b'mod negattiv mill-pandemija tal-*Covid-19*. L-aġir tiegħu ma kienx wieħed kappriċċuz, iżda frott din il-kalamita' li laqtgħet lid-dinja kollha. Jikkontendi illi l-għan aħħari tal-leġislatur kien illi jixpruna lil persuna rikalċitranti sabiex tħallas il-manteniment aktar milli dak tal-inkarċerazzjoni li minnu nnifsu iwassal sabiex l-appellant ma jibqax f'posizzjoni jħallas il-manteniment.

Illi fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant onora l-obbligu tiegħu li jħallas il-manteniment dovut in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni, iżda il-parti offiża xortawaħda tisħaq

illil huwa għandu jingħata il-piena mistħoqqa u għalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tibqa' invarjata, ukoll għaliex huwa għadu sal-lum jonqos minn dan l-obbligu kontrattwali kif sanzjonat bil-Qorti.

Illi ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1].

Illi l-appellant ġie mixli u misjub ħati mill-Ewwel Qorti illi naqas illi jħallas il-manteniment dovut lil parti offiża skont kuntratt iffirmat bejn il-ko-litigandi fis-06 ta' Ottubru 2020, liema nuqqas ikopri il-perijodu ta' żmien għax-xhur bejn Awwissu 2020 u Ottubru 2020. Dan għaliex kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt, b'mod speċjali mill-klawsola numru 8 ta'l-istess, il-manteniment kellu jibda jkun dovut sa minn Ġunju 2020 rigward il-minuri Lexi Marie Pace, u fir-rigward tal-minuri Dale Pace Borda, billi sal-mument li ġie iffirmat il-kuntratt kien hemm arretrati ammontanti għal €800, dawn l-arretrati kellhom jiħallsu f'pagamenti rateali ta' €60 fix-xahar, bl-ewwel pagament ikun dovut f' Ġunju 2020. Dan il-manteniment iżda jidher illi baqa' ma tħallasx sal-mument li l-parti offiża għamlet ir-rapport mal-pulizija fis-17 ta' Jannar 2021.

Issa l-appellant iġib 'il quddiem diversi argumenti li, fil-fehma tiegħu, jimmilitaw favur mitigazzjoni fil-piena, fosthom illi huwa kien inadempjenti fl-obbligu tiegħu għar-raġunijiet mhux imputabbli direttament lilu nnifsu, iżda minħabba problemi finanzjarji kaġun tal-pandemija globali li effetwat n-natura tax-xogħol tiegħu fid-dinja tal-*catering*.

Illi l-appellant ntrabat li jivversa retta alimentari favur il-minuri uliedu permezz ta' ftehim iktar milli minħabba xi imposizzjoni, liema ftehim ġie sanzjonat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u dan fit-termini tar-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20, liema digriet qatt ma ġie ikkontestat mill-appellant u lanqas saru

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

proċeduri quddiem il-qorti kompetenti sabiex ikun hemm xi bdil fit-termini tal-imsemmi kuntratt marbuta mal-ħlas tal-manetniment minħabba iċ-ċirkostanzi indikati mill-appellant fl-appell minnu ntentat. Mhux biss, iżda għalkemm issa id-dinja ħarġet mill-effetti negattivi tal-*lockdown* impost sabiex jitrażżan it-tixrid tal-*virus*, madanakollu jidher illi l-appellant xortawaħda baqa' inadempjenti kull xahar u għadu mhux qed iħallas il-manteniment b'mod puntwali u fit-terminu lilu mogħti mill-liġi sabiex jevita is-sanzjoni penali.

Kwindi ma jistax issa jinvoka favur tiegħu xi attenwanti għal obbligu minnu assunt liema obbligu huwa sanzjonat b'ordni tal-Qorti li huwa għażel li ma jottemperax ruħu miegħu. Jekk l-appellant jidhirlu li għandu jikkontesta il-ftehim milħuq bejnu u bejn il-parti offiża, kif sanzjonat mill-Qorti Ċivili, ċertament dan għandu jagħmlu mhux f'dan il-*forum* penali.

Illi dan magħdud madanakollu, l-għan tal-leġislatur meta fassal ir-reat kontravvenzjonali enkapsulat fl-artikolu 338(ż) tal-Kodiċi Kriminali kien illi iġiegħel lil ġenitur li qed jonqos mill-obbligi tiegħu li jmantni lil uliedu illi jottempera ruħu mal-liġi, billi l-inkarċerazzjoni ċertament ma hijiex ser twassal sabiex ikun hemm dik l-ottemperanza.  Il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, stante illli illum l-manteniment marbut ma' din l-imputazzjoni tħallas, għalkemm tardivament, hija tal-fehma illi iktar milli tagħti piena punittiva restrittiva tal-liberta', li mhix ser isservi ta' benefiċċju għall-ebda parti f'dan il-litiġju ġudizzjarju, tara illi l-appellant jottempera ruħu mal-ftehim minnu milħuq u mhux ikkontestat sal-lum, kif sanzjonat mill-Qorti.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell limitatament, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundanna  lill-appellant għal perijodu ta' xahrejn priġunerija, liema perijodu ta' priġunerija għandu jiġi sospiż għal żmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

Edwina Grima
Imħallef